TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 433/11/GZ

**Michael Farrugia**

**vs**

**Mirald Electronics**

Illum 25 ta' April 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Settmbru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tletin Ewro (€30.00), rapprezentanti parti minn ammont ikbar li huwa hallas lis-socjeta' ntimata ghat-tiswija ta' Hi-Fi equipment.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien cempel lis-socjeta' ntimata, fejn gie nformat illi kien ser ikun mitlub ihalli depozitu ta' sbatax-il Ewro u sebghin centezmu (€17.70), u qabel ma taghmel it-tiswija, is-socjeta' kienet ser iccempillu sabiex taghtih stima. Minn hemm, jekk huwa jiddeciedi illi ssir it-tiswija, mela d-depozitu li huwa kien hallas kellu jigi mnaqqas mill-ispejjez tat-tiswija.

Is-socjeta' ntimata kienet qalet lir-rikorrent illi peress illi kellha ftit tax-xoghol, huwa kien ser ikollu jistenna ftit qabel ma ccempillu.

Meta wara hmistax (15)-il gurnata, ir-rikorrent cempel lis-socjeta' huwa stess, hija qaltlu li t-tiswija kienet lesta. Kien il-manager li mar hdejn l-impjegat li qal lir-rikorrent illi kellu jzid l-ammont ta' tnejn u erbghin Ewro u tletin centezmu (€42.30). Qallu wkoll illi kien veru li s-socjeta' tiftihem mal-klijenti illi ccemplilhom, izda fir-realta', qatt ma kienet iccemplilhom. Qal lir-rikorrent ukoll illi jekk ma kienx lest li jhallas l-ispejjez ghat-tiswija, huwa kien lest li jaghti ordni sabiex jergghu jitpoggew il-parts bil-hsara fil-post minflok dawk tajbin. Ghalkemm dik kienet ix-xewqa tar-rikorrent, huwa ma setax jafda s-socjeta' ntimata u ghalhekk kellu jaghzel li jaccetta li jhallas.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa reggha kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, billi ccara illi kien fil-fatt Hi-Fi equipment li kien ittiehed lis-socjeta' ntimata ghat-tiswija. Stqarr ukoll illi t-talba tieghu ghall-ammont ta' tletin Ewro (€30.00) hija wahda bbazata fuq il-fatt illi fl-opinjoni tieghu l-prezz kien gholi wisq.

Ir-rikorrent ezebixxa dokument li juri l-hlas da parti tieghu ta' depozitu lis-socjeta' ntimata, li gie mmarkat bhala Dok.MF1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-ammont ta' tnejn u erbghin Ewro u tletin centezmu (€42.30) li r-rikorrent hallas bhala ammont finali ghat-tiswija, qed jichad it-talba tar-rikorrent fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**